

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8874/26

ECOFIN 569
UEM 159
FIN 626
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2647 final
Suġġett:	Avviż tal-Kummissjoni Linji gwida għall-Istati Membri dwar aspetti operazzjonali relatati mal-fażi finali u l-għeluq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2647 final.

Mehmuż: C(2026) 2647 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
C(2026) 2647 final

Avviż tal-Kummissjoni

**Linji gwida għall-Istati Membri dwar aspetti operazzjonali relatati mal-fażi finali u l-
għeluq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

Avviż tal-Kummissjoni

Linji gwida għall-Istati Membri dwar aspetti operazzjonali relatati mal-fażi finali u l-għeluq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (“RRF”, Recovery and Resilience Facility) hija strument temporanju mfassal fil-kuntest tal-effetti negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 biex jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni. Hija għandha l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza, il-preparatezza għall-kriżijiet, il-kapaċità ta’ aġġustament, u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Istati Membri, billi tipprovdihom appoġġ finanzjarju biex jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti stabbiliti fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

Ir-Regolament (UE) 2021/241¹ li jistabbilixxi l-RRF daħal fis-seħħ fi Frar 2021. Ir-Regolament ġie emendat darbtejn, permezz tar-Regolament (UE) 2023/435² li jinkorpora l-oġġettivi tar-REPowerEU, u permezz tar-Regolament (UE) 2024/795³ li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”, Strategic Technologies for Europe Platform). Huwa akkumpanjat minn żewġ Regolamenti delegati, li jistabbilixxu indikaturi komuni⁴ u metodoloġija għat-traċċar tal-infiq soċjali⁵.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta’ Ġunju 2025 “*NextGenerationEU – il-mixja lejn l-2026*”⁶, il-Kummissjoni fakkret fil-qafas legali applikabbli u fl-iskadenzi rilevanti għall-fażi finali tal-implimentazzjoni tal-RRF. Ir-Regolament RRF jipprevedi li l-istadji importanti u l-miri kollha għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti jridu jitlestew sal-31 ta’ Awwissu 2026⁷.

Din il-gwida tinforma lill-Istati Membri dwar il-passi finali tal-implimentazzjoni tal-programm sa tmiem l-2026 u l-proċeduri u l-obbligi applikabbli lil hinn mill-2026. Hija tfakkar fil-qafas regolatorju u tipprova informazzjoni addizzjonali dwar kif il-Kummissjoni beħsiebha toperazzjonalizza l-aspetti ewlenin tal-għeluq tal-Faċilità. Tiċċara wkoll l-obbligi kontinwi tal-

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

² Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE.

³ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 tat-28 ta’ Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tat-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza.

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 tat-28 ta’ Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta’ metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: “*NextGenerationEU - Il-mixja lejn l-2026*”, COM/2025/310 final/2.

⁷ L-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament RRF u l-Artikolu 2(4) u, fil-każ ta’ self ta’ appoġġ, l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni rispettivi tal-Kunsill

Istati Membri fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, u ż-żamma ta' data lil hinn mill-2026, u tipprovdi dati finali għall-obbligi ta' rapportar relatati mal-RRF.

Din il-gwida hija maħsuba biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali fl-applikazzjoni tar-Regolament RRF. Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha l-kompetenza biex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.

2. TĦEJJIJA GĦALL-GĦELUQ

2.1. Emendi tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRPs”, recovery and resilience plans), il-Kummissjoni tat parir lill-Istati Membri kollha jwettqu, sa tmiem l-2025⁸, l-emendi meħtieġa tal-RRPs tagħhom. L-Istati Membri kollha pproċedew b'tali emendi jew jinsabu fil-proċess li jagħmlu dan.

Matul l-2026, ċirkostanzi oġġettivi xorta jistgħu jwasslu biex ċerti stadji importanti u miri ma jibqgħux jistgħu jinkisbu u b'hekk, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba motivata lill-Kummissjoni tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, il-possibbiltà għal tali reviżjonijiet fl-2026 hija limitata kemm mill-iskadenzi għall-implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament RRF kif ukoll minn kunsiderazzjonijiet prattiċi.

Peress li l-istadji importanti u l-miri jridu jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026, ma hemm l-ebda lok biex il-Kunsill jadotta emendi tal-RRPs wara l-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, adożzjoni qabel il-31 ta' Awwissu 2026 biss tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta t-talbiet għall-pagament ippreżentati fuq il-bażi ta' tali Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni riveduti tal-Kunsill u tadotta d-deċiżjoni relatata dwar il-pagament fil-ħin għal żborż sal-31 ta' Diċembru 2026, kif previst fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament RRF.

2.2. Preżentazzjoni ta' talbiet għal emendi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-RRP u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni rispettivi tal-Kunsill f'konformità mal-iskeda ta' żmien fit-taqsimha 2.1, l-Istati Membri huma mistennija jippreżentaw il-proposti tagħhom għal emendi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, jekk ikun hemm, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2026.

Għal kwalunkwe talba għal emenda ppreżentata wara dik id-data, il-Kummissjoni ma tistax timpenja ruħha li tlesti l-valutazzjoni tagħha fi żmien debitu biex il-Kunsill jadotta d-deċiżjoni riveduta sal-31 ta' Awwissu 2026.

⁸ COM (2025) 310, it-Taqsima 3.1.

3. TRATTAMENT TAT-TALBIET GĦALL-PAGAMENT FINALI, TAS-SOSPENSJONIJIET TAL-PAGAMENTI U TAT-TREĠĠIGĦ LURA

3.1. Qafas legali

Skont l-Artikolu 20(5)(d) tar-Regolament RRF, l-istadji importanti u l-miri kollha jridu jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026. Kwalunkwe azzjoni biex jiġi żgurat l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri meħuda mill-Istati Membri wara dik id-data ma tistax titqies meta jiġu vvalutati t-talbiet għall-pagament.

Il-Kummissjoni tivvaluta l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri fit-talbiet finali għall-pagament abbażi tal-*Qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri skont ir-Regolament RRF*, ippubblikat fil-21 ta' Frar 2023⁹.

It-talbiet kollha għall-pagament, inklużi d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, is-sommarji tal-awditi mwettqa, u l-evidenza ta' sostenn kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tagħhom, iridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2026. Din l-iskadenza hija f'konformità mal-Ftehimiet ta' Finanzjament u l-Ftehimiet ta' Self applikabbli¹⁰. Fejn applikabbli, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għandha tindika jekk it-tlestija hijiex biss parzjali, u l-ġustifikazzjoni għandha tindika kif xieraq kwalunkwe limitazzjoni, devjazzjoni jew element mhux komplut.

Il-pagamenti kollha mill-Kummissjoni jridu jiġu eżegwiti sal-31 ta' Diċembru 2026¹¹.

3.2. Skeda ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-evidenza u għall-ipproċessar tat-talbiet għall-pagament finali

F'konformità mal-proċessi u l-proċeduri stabbiliti għat-trattament tat-talbiet għall-pagament taħt l-RRF, l-iskeda ta' żmien u l-iskadenzi (indikattivi) li ġejjin se japplikaw għall-valutazzjoni tat-talbiet għall-pagament lejn tmiem l-2026.

Wara l-preżentazzjoni tat-talbiet għall-pagament sat-30 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni se jkollha xahrejn – skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF – biex tipprovdi l-valutazzjoni preliminari tagħha tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti. Il-Kummissjoni biħsiebha tipprovdi tali valutazzjonijiet preliminari lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (“KEF”) sal-20 ta' Novembru 2026. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-intenzjoni tal-KEF li jipprovdi l-opinjoni tiegħu sat-8 ta' Diċembru 2026 (għall-valutazzjonijiet preliminari kollha maħruġa sal-20 ta' Novembru 2026), biex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta d-deċiżjonijiet tagħha li jawtorizzaw il-pagamenti sat-18 ta' Diċembru 2026 u għall-pagamenti rilevanti li għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2026¹².

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Sentejn wara Strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE, COM (2023) 99, l-Anness I.

¹⁰ L-Artikolu 6 tal-Ftehimiet ta' Finanzjament tal-RRF u l-Artikolu 7 tal-Ftehimiet ta' Self tal-RRF

¹¹ L-Artikolu 24(1) u l-premessa 53 tar-Regolament RRF, ara wkoll l-Artikolu 3(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 u l-eċċezzjonijiet imsemmija fih.

¹² F'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament RRF u l-Artikolu 3(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020.

Matul il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni xorta tista' titlob informazzjoni supplimentari u/jew twettaq verifiki u kontrolli fuq il-post, kif previst mill-Artikolu 6(4) tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u l-Artikolu 7(4) tal-Ftehimiet ta' Self. Madankollu, ma għandhiex l-intenzjoni li tissospendi l-perjodu ta' valutazzjoni sakemm l-Istati Membri jippreżentaw dokumenti addizzjonali jew ikkoreġuti jekk dan jipperikola l-għoti tal-valutazzjoni preliminari lill-KEF sal-20 ta' Novembru 2026.

Kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2025 "*NextGenerationEU – il-mixja lejn l-2026*", l-Istati Membri huma inkoraġġuti bil-qawwa jipplanaw minn qabel u jiżguraw li tiġi ppreżentata evidenza kompluta u robusta kemm jista' jkun kmieni u fi żmien xieraq biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni u jiġu evitati d-diżimpenji tal-fondi. Peress li se jkun hemm ftit wisq żmien għal skambji bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri matul il-perjodu ta' valutazzjoni, l-evidenza għandha tiġi kondiviża b'mod informali mas-servizzi tal-Kummissjoni hekk kif tkun disponibbli, anki qabel il-preżentazzjoni formali tal-aħħar talbiet għall-pagament. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ ta' stadji importanti u miri li jiġu vvalutati permezz ta' kampjunar, fejn spiss huma meħtieġa diversi skambji bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiġi verifikat twettiq sodisfaċenti..

3.3. Sospensjonijiet tal-pagamenti u nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

Ir-Regolament RRF jistabbilixxi li l-istadji importanti u l-miri kollha jridu jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026. Dan għandu implikazzjonijiet għall-istadji importanti u l-miri affettwati mid-deċiżjonijiet ta' sospensjoni tal-pagamenti.

a) Qabel il-31 ta' Awwissu 2026

Għal kwalunkwe stadju importanti jew mira li għaliha l-pagament jiġi sospiż, sabiex titneħħa s-sospensjoni u biex jiġi żborżat l-ammont sospiż, il-miżuri ta' rimedju kollha meħtieġa jridu jittieħdu mill-Istat Membru kkonċernat fi żmien 6 xhur mid-deċiżjoni ta' sospensjoni – skont l-Artikolu 24(8) tar-Regolament RRF – u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026 (ara 3.1).

F'każijiet li fihom deċiżjoni ta' sospensjoni tkun għadha fis-seħħ fil-31 ta' Awwissu 2026, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw, sat-30 ta' Settembru 2026, kwalunkwe evidenza rilevanti li turi li, sal-31 ta' Awwissu 2026, kienu ħadu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri kkonċernati.

b) Wara l-31 ta' Awwissu 2026

Ir-Regolament RRF ma jippermettix li l-azzjonijiet meħuda wara l-31 ta' Awwissu 2026 jitqiesu għal valutazzjoni pożittiva. Konsegwentement, it-tnedija ta' proċedura ta' sospensjoni tal-pagamenti, kif deskritta fl-Artikolu 24(6) u (8) tar-Regolament RRF u maħsuba biex tipprovdi żmien għall-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju/i importanti jew tal-mira/i rilevanti fi żmien sitt xhur, ma għadhiex

rilevanti wara dik id-data. Għalhekk, f'każ li kwalunkwe stadju importanti jew mira tiġi vvalutata bħala li ma ntlaħqitx b'mod sodisfaċenti wara l-31 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni ma tnedix il-proċedura ta' sospensjoni tal-pagamenti.

Minflok, tnedi l-proċedura ta' tnaqqis stabbilita fl-Artikolu 24(8) tar-Regolament RRF, li potenzjalment twassal għal tnaqqis proporzjonat tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas-self. F'konformità mal-qafas għat-tnaqqis u l-irkupri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilit fl-Anness IV tal-Avviż tal-Kummissjoni - Gwida dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reziljenza¹³, il-Kummissjoni se tikkalkula l-ammont affettwat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II tal-Komunikazzjoni tagħha tal-21 ta' Frar 2023¹⁴, li tintuża għall-kalkolu tas-sospensjonijiet tal-pagamenti.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tinforma lill-Istat Membru li hija tqis b'mod preliminari li l-istadju importanti jew il-mira rilevanti ma ntlaħqitx b'mod sodisfaċenti, meta l-Istat Membru jkollu xahrejn biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-valutazzjoni finali tagħha. B'mod parallel mat-tnedija tal-proċedura ta' tnaqqis, il-Kummissjoni se tipproċedi bl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tawtorizza l-iżborż ta' kwalunkwe ammont li jifdal, abbażi tal-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri li jifdal bħala milħuqa b'mod sodisfaċenti (ara t-taqsima preċedenti).

F'każ li l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru ma jbiddux il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja jew is-self.

F'każ li l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru jwasslu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid il-valutazzjoni tagħha, b'mod sħiħ jew parzjali, il-proċess ta' pagament għall-ammont rilevanti jsegwi l-proċedura deskritta fit-taqsima preċedenti b'analoġija. Sa fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tagħmel użu mill-opzjoni stabbilita fil-premessa 53 tar-Regolament RRF u fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 biex tiżgura li jkunu jistgħu jsiru pagamenti lill-Istati Membri.

3.4. Trattament tat-treġġiġh lura ta' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement

F'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF *“[i]t-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jkunux treġġiġh lura mill-Istat Membru kkonċernat.”* Il-Kummissjoni ċċarat l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-qafas ta' treġġiġh lura tal-RRF adottat fid-19 ta' Settembru 2023¹⁵.

Peress li t-treġġiġh lura huwa intrinsikament marbut mal-valutazzjoni tat-talbiet għall-pagament, il-Kummissjoni se tiżgura li jiġi indirizzat kwalunkwe treġġiġh lura minn Stat

¹³ C/2024/4618.

¹⁴ COM (2023) 99, l-Anness II.

¹⁵ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Nimxu 'l quddiem, COM(2023) 545, l-Anness II.

Membru – mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Kummissjoni – saż-żmien tal-pagament finali.

Jekk, wara l-31 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni tqis li jkun seħħ treġġigħ lura, tnedi proċedura ta' tnaqqis, kif stabbilit fl-Artikolu 24(8) tar-Regolament RRF, biex tqiegħed il-baġit tal-Unjoni fl-istess pożizzjoni daqslikieku l-istadju importanti jew il-mira mreġġa' lura qatt ma kienet tqieset li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. F'konformità mal-qafas ta' treġġigħ lura tal-RRF¹⁶, il-Kummissjoni se tikkalkula l-ammont affettwat f'konformità mal-metodoloġija ta' sospensjoni stabbilita fl-Anness II tal-Komunikazzjoni tagħha tal-21 ta' Frar 2023¹⁷.

B'mod parallel mat-tnedija tal-proċedura ta' tnaqqis, il-Kummissjoni se tipproċedi bl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tawtorizza l-iżborż ta' kwalunkwe ammont li jifdal, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-istadju importanti u l-miri kif milħuqa b'mod sodisfaċenti. Dan ifisser li l-ammont affettwat mit-treġġigħ lura għandu jitnaqqas mid-deċiżjoni finali dwar il-pagament u jista' jaffettwa sal-ammont sħiħ tad-deċiżjoni dwar il-pagament.

L-Istat Membru se jkollhom xahrejn biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. L-osservazzjonijiet tal-Istat Membru għandhom juru li ma kien seħħ l-ebda treġġigħ lura, jew li kien ħa l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-istadju importanti jew il-mira kkonċernata reġgħet intlaħqet b'mod sodisfaċenti. Peress li t-treġġigħ lura huwa marbut mal-pagamenti, se jitqiesu l-azzjonijiet meħuda mill-Istat Membru sad-data tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-pagament.

Jekk l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru jwasslu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid (parzjalment) il-valutazzjoni tagħha li stadju importanti jew mira treggigħet lura, il-Kummissjoni, fuq din il-bażi, tiegħu deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż ta' parti mill-ammont tal-pagament jew tal-ammont kollu li jifdal tal-pagament. Sa fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tagħmel użu mill-opzjoni stabbilita fil-premessa 53 tar-Regolament RRF u fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 biex tiżgura li jkunu jistgħu jsiru pagamenti lill-Istati Membri.

Jekk il-Kummissjoni ssostni li stadju importanti jew mira waħda jew aktar treggigħu lura fiż-żmien tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-pagament jew tal-komunikazzjoni li l-ammont kollu tal-pagament huwa affettwat mit-treġġigħ lura, hija tadotta d-deċiżjoni korrispondenti ta' tnaqqis.

F'dan l-isfond, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw b'mod attiv ir-riskju ta' treġġigħ lura fl-2026 biex jevitaw treġġigħ lura li jaffettwa l-valutazzjoni tal-aħħar talbiet għall-pagament.

Mill-2027, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja wkoll kull sena, taħt is-Semestru Ewropew, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs, country-specific recommendations), inklużi dawk indirizzati mill-miżuri tal-RRF.

¹⁶ COM (2023) 545, l-Anness II.

¹⁷ COM (2023) 99, l-Anness II.

3.5. Dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni finali u s-sommarji finali tal-awditi

L-Artikolu 22(2)(c) tar-Regolament RRF jistabbilixxi li talba għall-pagament trid tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju tal-awditi. Għaldaqstant, f'konformità mal-iskadenza finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għall-pagament, l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet finali ta' ġestjoni u s-sommarji finali tal-awditi li jakkumpanjaw l-aħħar talba għall-pagament tagħhom sat-30 ta' Settembru 2026.

Fl-ippjanar tal-awditi nazzjonali fl-2026, l-Istati Membri huma mistiedna jqisu l-għadd ta' stadji importanti u miri li għandhom jiġu inklużi fl-aħħar talba għall-pagament, sabiex jiżguraw kopertura xierqa tal-awditjar u jipprovdu assigurazzjoni f'waqtha b' appoġġ għad-dikjarazzjoni finali ta' ġestjoni.

L-ebda dikjarazzjoni ta' ġestjoni jew sommarju tal-awditi mhuwa mistenni wara dawk li jakkumpanjaw l-aħħar talba għall-pagament. Madankollu, kif stabbilit fit-taqsimha 6, jibqgħu fis-seħħ l-obbligi tal-Istati Membri li jkomplu l-kontrolli u l-awditi u jirrapportaw ir-riżultati tagħhom kif ukoll l-irregolaritajiet (suspettati) f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament RRF. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mitluba jikkomunikaw ukoll lis-servizzi tal-Kummissjoni kwalunkwe riżultat ex post dwar l-istadji importanti u l-miri li kienu jiġu konklużi wara l-preżentazzjoni tal-aħħar talba għall-pagament u wara l-aħħar pagament.

4. ĠESTJONI FINANZJARJA FL-GĦELUQ

4.1. Ikklerjar bikri tal-prefinanzjament

Meta Stat Membru jkun irċieva prefinanzjament skont l-Artikoli 13 jew 21d tar-Regolament RRF, l-ammont korrispondenti tal-prefinanzjament jitnaqqas b'mod proporzjonali mill-pagamenti sussegwenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja u tas-self abbażi tal-ammont tal-iżborż. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jitnaqqsu ammonti ulterjuri mit-talbiet għall-pagament sabiex jikklerjaw il-prefinanzjament qabel. Il-mekkaniżmu tal-ikklerjar huwa stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Self.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prefinanzjament kollu mis-sorsi ta' fondi kollha disponibbli (jiġifieri derivat minn NextGenerationEU, l-irkantar ta' kwoti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ("ETS", emissions trading system), u minn trasferimenti mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("BAR", Brexit Adjustment Reserve) jiġi kklerjat kompletament sal-31 ta' Diċembru 2026. Skont il-Ftehimiet ta' Finanzjament, l-ammonti mhux approvati sa dik id-data se jkunu soġġetti għal irkupru. Skont il-Ftehimiet ta' Self, l-ammonti mhux ikklerjati sa dik id-data se jsiru immedjatement dovuti u ripagabbli, u l-Kummissjoni tista' tirkuprahom billi tpaċihom kontra kwalunkwe pretensjoni dovuta lill-Istat Membru skont l-RRF jew programm ieħor tal-UE.

Sabiex tiġi mitigata tali ħtieġa għal irkupri, l-Istati Membri huma inkoraġġuti jitolbu l-ikklerjar tal-ammont pendenti kollu tal-prefinanzjament, qabel il-preżentazzjoni tal-aħħar talba għall-pagament. Tali kklerjar bikri jissimplifika l-għeluq finanzjarju tal-Faċilità għall-Irkupru u r-

Reżiljenza kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni, inaqqas il-kumplessità amministrattiva fl-istadju kruċjali finali tal-implimentazzjoni, u jimmitiga r-riskji assoċjati ma' rkupri potenzjali jew ma' ripagamenti bikrija. B'mod aktar ġenerali, dan jikkontribwixxi għal ġestjoni finanzjarja tajba billi jallinja l-iżborżi u l-ħtiġijiet ta' finanzjament aktar mill-qrib fl-għeluq. Dan jimminimizza wkoll l-impatt fuq il-baġits nazzjonali, peress li jneħħi l-ħtieġa għall-irkupru tad-differenzjali mhux ikklerjat wara tmiem l-RRF.

4.2. Diżimpenji finali minħabba sottoimplimentazzjoni fi tmiem l-RRF

Kemm għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif ukoll għas-self, kwalunkwe ammont mhux użat ta' kontribuzzjoni tal-UE skont il-Ftehimiet ta' Finanzjament u ta' Self allokatil lil Stat Membru se jiġi diżimpenjat wara li jkunu ġew issodisfati l-obbligi legali u ta' pagament rilevanti kollha. Tali dizimpenj ma jirrikjedix l-emenda tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u Self. Il-proċess ta' dizimpenj jiddependi fuq liema mit-tliet sorsi ta' finanzjament tal-RRF qed jiġi diżimpenjat.

B'mod partikolari:

1. Għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji u s-self tan-NextGenerationEU, kwalunkwe ammont allokatil lil Stat Membru speċifiku mhux imħallas sal-31 ta' Diċembru 2026 se jiġi diżimpenjat mill-Kummissjoni, soġġett għal kwalunkwe obbligu jew proċedura li jifdal b'impatt finanzjarju possibbli.
2. Għal fondi trasferiti mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("BAR"), kwalunkwe ammont allokatil lil Stat Membru speċifiku mhux imħallas sal-31 ta' Diċembru 2026 jiġi diżimpenjat mill-Kummissjoni, soġġett għal kwalunkwe obbligu jew proċedura li jifdal b'impatt finanzjarju possibbli.
3. Għal fondi li jsiru disponibbli permezz tal-irkantar ta' kwoti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ("ETS"), kwalunkwe ammont allokatil lil Stat Membru speċifiku mhux imħallas sal-31 ta' Diċembru 2026 jiġi diżimpenjat mill-Kummissjoni, soġġett għal kwalunkwe obbligu jew proċedura li jifdal b'impatt finanzjarju possibbli.

5. OBBLIGI TA' RAPPORTAR

Filwaqt li r-Regolament RRF jipprovdi data tat-tmiem għall-implimentazzjoni tal-RRF, la r-Regolament u lanqas iż-żewġ regolamenti delegati ma jipprovdu dati tat-tmiem għar-rekwiżiti ta' rapportar. Sabiex tiġi minimizzata l-ħidma amministrattiva relatata mal-ġbir ta' data filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u d-disponibbiltà tad-data meħtieġa għall-evalwazzjoni ex post tal-RRF, il-Kummissjoni tistenna li r-rapportar tal-Istati Membri lil hinn mill-2026 isir biss f'ċirkostanzi limitati ħafna, kif stabbilit fit-taqsimiet li ġejjin.

5.1. Rappurtar biannwali finali dwar l-istadji importanti u l-miri

F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106, ir-rappurtar dwar il-progress li sar fil-kisba tal-RRPs tal-Istati Membri għandu jsir kull sena, mhux aktar tard mit-30 ta' April u mill-15 ta' Ottubru. Madankollu, minħabba li l-istadji importanti u l-miri jridu jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026 u l-aħħar talbiet għall-pagament iridu jiġu ppreżentati sat-30 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni diġà se jkollha l-fehma tal-Istat Membru dwar il-progress li sar fil-kisba tal-istadji importanti u l-miri kollha fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Bħala tali, ikun żejjed ir-rappurtar fil-15 ta' Ottubru 2026. Għalhekk, l-aħħar ċiklu ta' rappurtar iseħħ sat-30 ta' April 2026.

5.2. Rappurtar biannwali finali dwar l-indikaturi komuni

F'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament RRF u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw dwar l-indikaturi komuni darbtejn fis-sena, sat-28 ta' Frar u l-31 ta' Awwissu.

Minħabba r-rilevanza tal-indikaturi komuni bħala indikaturi importanti tal-output u tar-riżultati, id-dewmien fil-ġbir ta' data, u l-ħtieġa li tinġabar l-aħjar data disponibbli għall-evalwazzjoni ex post mistennija sal-31 ta' Diċembru 2028, l-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar l-indikaturi komuni darbtejn fl-2027 u jipprovdu rappurtar finali dwar l-indikaturi komuni fi Frar 2028. Bħala parti miċ-ċiklu ta' rappurtar finali, l-Istati Membri jridu jikkonsolidaw il-valuri kollha stmati preċedentement. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-Istati Membri jridu jipprovdu stima finali u spjegazzjoni tal-metodoloġija użata.

5.3. Rappurtar finali dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-ogħla ammont ta' finanzjament

F'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament RRF, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw darbtejn fis-sena dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-ogħla ammont ta' finanzjament taħt il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. F'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha jridu jaġġornaw id-data ppubblikata fuq il-portali nazzjonali tagħhom mill-inqas darbtejn fis-sena u huma mistiedna jikkondividu dik id-data aġġornata mal-Kummissjoni fl-istess ħin tar-rappurtar biannwali f'April u Ottubru.

Sabiex jitqies id-dewmien fid-disponibbiltà tad-data u tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-użu finali tal-fondi, l-Istati Membri jridu jkomplu jaġġornaw il-portali nazzjonali tagħhom darbtejn fis-sena u jipprovdu l-aħħar aġġornament biannwali tad-data tar-riċevituri finali lill-Kummissjoni f'April 2028.

Kif meħtieġ mill-Artikolu 25a(4) tar-Regolament RRF, barra minn hekk, l-Istati Membri jżommu l-portali nazzjonali mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2028, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jneħħu kwalunkwe data personali mis-sett tad-data ppubblikat sentejn wara tmiem is-sena finanzjarja li fiha l-finanzjament ikun tħallas lir-riċevituri finali rilevanti.

5.4. Rappurtar kontinwu dwar in-nefqa relatata mal-klima

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill il-Bonds Ekoloġiċi ta' Next Generation EU 7817/21¹⁸, il-Kummissjoni tiffinanzja parti mill-iżborżi tal-RRF b' bonds ekoloġiċi tal-NGEU, mirfuda minn qafas robust u kredibbli li jinkludi rekwiżit dwar l-użu tar-rikavati. Għaldaqstant, l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Self jirrikjedu li l-Istati Membri li jippreżentaw talba għall-pagament tal-RRF jirrapportaw in-nefqiet kumulattivi mġarrba għar-riformi u l-investimenti b' markatur klimatiku pożittiv, li jiffirma l-bażi tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-użu tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi. L-implimentazzjoni nazzjonali ta' xi wħud minn dawn il-miżuri tista' tkompli lil hinn mill-2026. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikompli jirrapportaw dwar id-data dwar in-nefqa kumulattiva għar-riformi u l-investimenti b' tikketta klimatika sakemm l-ammonti rapportati jikkorrispondu għall-kostijiet stmati għall-miżura jew is-submiżura speċifika assenjata koeffiċjent klimatiku pożittiv, jew ma tkun mistennija l-ebda nefqa ulterjuri, jew sal-31 ta' Diċembru 2031, skont liema sseħħ l-ewwel. Tali rapportar għandu jsir mill-inqas darbtejn fis-sena (sal-aħħar ta' Ġunju u sal-aħħar ta' Diċembru). Jekk ma jkun hemm l-ebda bidla jew in-nefqa tal-miżura tiġi ffinalizzata u ma tkun mistennija l-ebda nefqa addizzjonali, din għandha tiġi kkomunikata wkoll. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi għodda ta' rapportar għal dan l-għan.

6. KONTROLL, AWDITU u ŻAMMA TA' DATA LIL HINN MILL-2026

Il-Ftehimiet ta' Finanzjament u ta' Self iffirmiti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplementaw l-RRF jirrikjedu li l-Istati Membri jieħdu ċerti miżuri biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.¹⁹ Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu kontrolli u xogħol tal-awditjar ex ante u ex post, kif ukoll żamma ta' rekords u obbligi ta' rapportar. F'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament RRF, l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.

L-obbligu tal-Istati Membri li jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni japplika għall-miżuri appoġġati mill-RRF irrispettivament mit-twaqqit ta' kwalunkwe pagament tal-Unjoni lill-Istati Membri, u anki lil hinn mill-2026.

Il-Kummissjoni tfakkar li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament RRF japplikaw biss għal dawk ir-riformi u l-investimenti inklużi fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament RRF japplikaw għal kwalunkwe kost imġarrab biex tiġi implimentata miżura speċifika tal-RRF inkluża fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li dak li kien stmat jew ibbaġitjat inizjalment mhuwiex rilevanti għal din id-determinazzjoni.

¹⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bonds Ekoloġiċi ta' Next Generation EU – Approvazzjoni (2021), 7817/21.

¹⁹ L-Artikolu 11(1) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 20(1) tal-Ftehim ta' Self.

6.1. Kontrolli u awditi nazzjonali kontinwi

L-obbligi tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u, fejn applikabbli, ta' Self iffirmati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma għandhomx data tat-tmien. Għall-kontrolli u l-awditi nazzjonali lil hinn mill-2026, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari l-obbligi li ġejjin:

L-Istati Membri jridu, f'konformità mar-Rekwiżiti Ewlenin 3 u 4 tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u ta' Self, jiżguraw **miżuri u proċeduri xierqa biex jiżguraw l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri**, u l-preċiżjoni tal-informazzjoni rapportata, inklużi kemm il-kontrolli u l-awditi ex ante kif ukoll dawk ex post. Filwaqt li l-kontrolli ex ante kollha jridu jsiru qabel il-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament, sa fejn il-ħidma ex post fuq l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri ma tiġix iffinalizzata mill-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament, l-Istati Membri huma inkoraġġuti jlestuha saż-żmien tal-aħħar pagament, u mhux aktar tard minn l-ewwel trimestru tal-2027. L-Istati Membri huma inkoraġġuti jikkondividu dawn ir-riżultati mal-Kummissjoni hekk kif isiru disponibbli.

L-Istati Membri jridu, f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament RRF²⁰ u r-Rekwiżiti Ewlenin 1 u 2, jiżguraw **kontrolli ex ante effettivi u effiċjenti biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni**. Tali kontrolli ex ante jinkludu kontrolli qabel ma jsir kwalunkwe pagament relatat mal-miżuri tal-RRF mill-Istati Membri (jiġifieri pagamenti lill-kuntratturi, riċevituri finali, eċċ.). L-obbligu li jitkomplew dawn il-kontrolli ex ante jkompli sakemm it-tali pagamenti kollha jkunu saru mill-Istat Membru, anki jekk tali pagamenti jistgħu jseħħu lil hinn mill-2026. Għall-każijiet speċifiċi ta' strumenti finanzjarji, skemi ta' sussidju u injezzjonijiet ta' ekwità, li għalihom l-Istati Membri jkunu ffirmaw ftehimiet legali f'konformità mar-rekwiżiti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill inklużi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Istati Membri huma mistennija jiżguraw li dawn il-miżuri jiġu implimentati f'konformità ma' dawk il-ftehimiet legali rispettivi u kwalunkwe obbligu ta' kontroll u awditjar fihom.

Minbarra l-kontrolli ex ante, l-Istati Membri jridu, f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament RRF u r-Rekwiżiti Ewlenin 1, 2 u 5, ikomplu jwettqu **kontrolli u awditi ex post adegwati u indipendenti, biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**. Tali kontrolli u awditi ex post jinkludu kontrolli u awditi mwettqa wara li jsir kwalunkwe pagament relatat mal-miżuri tal-RRF mill-Istat Membru u b'mod partikolari jikkonċernaw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess, kif ukoll il-finanzjament doppju. L-Istati Membri jridu jwettqu tali kontrolli u awditi ex post sakemm jiġu ssodisfati l-obbligi tagħhom. L-Istati Membri huma mistennija wkoll jinkludu kontrolli u awditi ex post biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fl-ippjanar tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti sa wara li jkunu saru l-pagamenti kollha relatati mal-miżuri tal-RRF mill-Istati Membri u jkunu ġew soġġetti għal tali kontrolli u awditi, ġeneralment fuq bażi ta' riskju. Il-kontrolli u l-awditi bbażati fuq ir-riskju għandhom ikunu mmirati lejn suġġetti

²⁰ L-Artikolu 22(1) tar-Regolament RRF jistipula li *"Fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, l-Istati Membri, bħala benefiċjarji jew mutwatarji ta' fondi taħt il-Faċilità, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u biex jiżguraw li l-użu ta' fondi fir-rigward ta' miżuri appoġġati mill-Faċilità jikkonforma mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika ta' frodi, korruzzjoni u konflitti ta' interess."*

speċifiċi ta' riskju għoli (jiġifieri kunflitt ta' interess, frodi, korruzzjoni, finanzjament doppju) jew każijiet speċifiċi ta' riskju għoli. Dan normalment huwa mistenni li jirriżulta f'kontrolli u awditi ex post ipplanati li jseħħu fl-2027, potenzjalment fl-2028.

Minbarra l-ħidma pplanata fuq il-kontrolli u l-awditi ex post, l-Istati Membri jridu jibqgħu reattivi għar-rapporti ta' irregolaritajiet, b'mod partikolari relatati mal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess, u jkomplu jinvestigaw tali każijiet relatati mal-miżuri tal-RRF fi kwalunkwe punt fil-futur.

L-Istati Membri jridu, f'konformità mar-Rekwiżit Ewlieni 2, ikomplu jieħdu azzjonijiet xierqa biex jirkupraw fondi li jkunu ġew miżapproprjati.

Kif innotat fit-taqsimha 3.5, mhija mistennija l-ebda dikjarazzjoni ta' ġestjoni jew sommarju tal-awditi ulterjuri wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament finali. Madankollu, l-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw ir-riżultati tal-kontrolli u l-awditi tagħhom lill-Kummissjoni hekk kif isiru disponibbli permezz tal-pjattaforma "EUSend"²¹, sakemm ma jiġix ikkomunikat mod ieħor mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' twettaq awditi biex tivverifika li l-Istati Membri jkomplu jikkonformaw mal-obbligi ta' hawn fuq.

Il-Kummissjoni vvalutat kull sistema nazzjonali ta' kontroll bħala adegwata f'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) tar-Regolament RRF. Filwaqt li l-Istati Membri mhumiex obbligati jżommu, wara l-2026, l-istrutturi preċiżi vvalutati mill-Kummissjoni u użati matul l-implimentazzjoni tal-RRF mill-2021 sal-2026, l-Istati Membri jridu jiżguraw l-adegwatezza tal-istrutturi fis-seħħ għar-rekwiżiti u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Id-deċiżjoni rigward l-istrutturi li għandhom jinżammu fis-seħħ wara l-2026 hija tal-Istati Membri, li jqisu pereżempju l-intensità tal-kontrolli li għandhom jitwettqu u l-kunsiderazzjonijiet tal-kosteffiċjenza. L-Istati Membri huma mistennija jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fil-punt uniku ta' kuntatt, f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Finanzjament u r-Rekwiżit Ewlieni 1. Dan il-punt uniku ta' kuntatt huwa mistenni li jikkoordina r-rispons u s-segwitu għal kwalunkwe talba mill-Kummissjoni, mill-UPPE, mill-OLAF, mill-QEA jew minn korpi rilevanti oħra.

6.2. Żamma tal-Infommazzjoni u Aċċess

Diversi dispożizzjonijiet jirrikjedu li l-Istati Membri jżommu u jiżguraw l-aċċess għad-data li tappartjeni għall-miżuri tal-RRF, li tkompli tkun rilevanti lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026. B'mod partikolari:

- L-Artikolu 11(1)(c) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 20(1)(c) tal-Ftehim ta' Self jirrikjedu li l-Istati Membri jiġbru u jiżguraw l-aċċess għad-data dwar ir-riċevituri finanzjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, u s-sidien benefiċjarji.

²¹ EU SEND huwa pjattaforma ta' skambju bbażata fuq il-web li tiżgura t-trażmissjoni sigura ta' dokumenti bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati esterni.

- L-Artikolu 11(1)(d) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 20(1)(d) tal-Ftehim ta' Self jirrikjedu li l-Istati Membri jżommu rekords f'konformità mal-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju²².
- L-Artikolu 12(2) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 21(2) tal-Ftehim ta' Self jimponu aktar rekwiżiti biex jinżammu u jiġu pprovduti dokumenti ta' sostenn adegwati li juru li l-RRP ġie implimentat kif suppost, li l-implimentazzjoni tiegħu tikkonforma mal-obbligi elenkati fil-Ftehim ta' Finanzjament u fil-Ftehim ta' Self u li l-istadji importanti u l-miri speċifikati fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill intlaħqu b'mod sodisfaċenti.

Skont l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju (riformulazzjoni), u l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 21 tal-Ftehim ta' Self, id-data għandha tinżamm għal 5 snin li jibdeu mid-data tal-pagament finali. Biex tipprevedi approċċ konsistenti, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw iż-żamma u d-disponibbiltà tad-data sa mill-inqas l-31 ta' Diċembru 2031. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 133(2) tar-Regolament Finanzjarju, tali data, rekords, u dokumenti li jappartjenu għal awditi, appelli, litigazzjonijiet, l-insewiment ta' pretensjonijiet relatati ma' impenji legali jew li jappartjenu għal investigazzjonijiet tal-OLAF għandhom jinżammu sakemm jingħalqu tali awditi, appelli, litigazzjonijiet, insewiment ta' pretensjonijiet jew investigazzjonijiet. Jekk tintalab fil-kuntest ta' awditi, kontrolli jew investigazzjonijiet, din id-data għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ("OLAF", European Anti-Fraud Office), lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("QEA", European Court of Auditors) u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE", European Public Prosecutor's Office).

6.3. Kontrolli, awditi u investigazzjonijiet kontinwi tal-UE

Skont it-termini tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u tal-Ftehimiet ta' Self²³, il-Kummissjoni se tkompli teżerċita d-drittijiet tagħha li twettaq verifiki, rieżamijiet, kontrolli u awditi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza sa 5 snin wara l-pagament finali.

Dawn l-attivitajiet ta' kontroll jikkonċernaw l-informazzjoni u l-ġustifikazzjoni pprovduti għall-ilħuq b'mod sodisfaċenti ta' punti importanti u miri. il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interessi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluża l-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Finanzjament. u l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Ftehim ta' Finanzjament relatat mal-finanzjament doppju. Barra minn hekk, kif previst fl-Artikolu 12(3) tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 21(3) tal-Ftehim ta' Self, l-OLAF, l-UPPE, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet rispettivi tagħhom.

Minbarra r-rekwiżit li jinżamm u jiġi pprovdut aċċess għad-data, ir-rekords u d-dokumenti (itaqsima 6.1), l-Istati Membri huma obbligati jikkooperaw mal-verifiki, ir-ieżamijiet, il-

²² L-Artikolu 133 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L 26.9.2024, p. 1; Li jissostitwixxi l-Artikolu 132 tal-verżjoni preċedenti tar-Regolament Finanzjarju.

²³ L-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 21 tal-Ftehim ta' Self.

kontrolli, l-awditi u l-investigazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni, tal-OLAF, tal-QEA u, fejn applikabbli, tal-UPPE, aċċess għal siti u bini li fihom twettqu investimenti u riformi ffinanzjati taħt l-RRF u jimponu obbligi simili fuq ir-riċevituri finali kollha tal-fondi żborżati. L-Istati Membri huma mitluba jaħtru l-punt uniku ta' kuntatt (ara 6.1) jew punt dedikat ta' kuntatt biex iwieġeb għall-mistoqsijiet jew jiffaċilita l-kuntatt fil-kuntest tal-verifiki, ir-rieżamijiet, il-kontrolli, l-awditi, u l-investigazzjonijiet imsemmija hawn fuq wara l-2026.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħha maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2026, kif ukoll dawk maħruġa qabel dik id-data iżda li għadhom miftuħa. Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita d-dritt tagħha li tinvolvi ruħha fl-irkupru ta' fondi fil-każijiet stabbiliti fil-qafas għat-“Tnaqqis u l-Irkupri ta' fondi taħt l-RRF”²⁴. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni se tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF.

6.4. Proċeduri kontinwi għar-rapportar ta' irregolaritajiet (suspettati)

Filwaqt li l-Istati Membri bħalissa jridu jirrapportaw irregolaritajiet (suspettati) lill-Kummissjoni permezz tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarji tal-awditi li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament, wara l-aħħar talba għall-pagament ma tiġi ppreżentata l-ebda dikjarazzjoni ta' ġestjoni. Għalhekk, u biex jiġi żgurat li irregolaritajiet (suspettati) ikompli jiġu rrapportati wara li tkun saret it-talba għall-pagament finali, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jużaw is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (“IMS”) għal dan l-għan. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jirrapportaw ukoll kwalunkwe tali każ lil DG ECFIN permezz tal-pjattaforma “EU Send”²⁵.

Barra minn hekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-OLAF 883/2013²⁶, l-Istati Membri huma obbligati jżommu proċeduri xierqa biex jiżguraw li każijiet possibbli ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu rrapportati lill-OLAF, għal finijiet investigattivi²⁷. Wara l-preżentazzjoni tal-aħħar dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju tal-awditi, tali każijiet xorta jridu jiġu rrapportati lill-OLAF mingħajr ebda dewmien u limitu ta' żmien. Tabilħaqq, fid-dawl tal-Artikolu 325 tat-TFUE u skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament dwar l-OLAF, l-Istati Membri għandhom id-dmir, sakemm ma jkunux impediti mil-liġi nazzjonali, li jittrażmettu mingħajr dewmien lill-OLAF, fuq talba tal-Uffiċċju jew fuq inizzjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni, dokument, jew data meqjusa pertinenti għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

²⁴ C/2024/4990 Avviż tal-Kummissjoni - Gwida dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza l-Anness IV.

²⁵ Se jinħoloq mezz dedikat minn DG ECFIN għal kull Stat Membru biex juża din il-pjattaforma għar-rapportar ta' każijiet ta' frodi suspettata.

²⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxi mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999.

²⁷ Ir-rapport għal skopijiet investigattivi għandhom jintbagħtu lill-posta elettronika ta' punt uniku ta' kuntatt tal-OLAF (OLAF-FMB-SPE@ec.europa.eu).

Barra minn hekk, l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa għall-UPPE għandhom l-obbligu li jirrapportaw imġiba kriminali suspettata lill-UPPE f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²⁸. Ir-rappurtar ta' kwalunkwe mġiba li tista' tikkostitwixxi reat fil-kompetenza tal-UPPE għandu jsir permezz tal-pjattaforma dedikata tal-IT tal-UPPE.

L-Istati Membri jridu jipprovdu informazzjoni dwar il-fatti u s-sejbiet stabbiliti fil-kuntest ta' sentenzi finali jew deċiżjonijiet amministrattivi finali b'referenza għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 138(1), il-punt (c) (iv) u l-punt (d), tar-Regolament Finanzjarju meta jsiru konxji minn tali informazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 36(8) tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jużaw is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet ("IMS", Irregularity Management System) għal dan l-għan.

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE").